# L-Isfida Enerġetika ta' Ħelsinki: "Riedna nagħmlu xi ħaġa kreattiva li tkun ta' benefiċċju għal bliet oħra"



photo: Jetro Stavén

**Intervista ma' Jan Vapaavuori, Sindku ta' Ħelsinki mill-2017 sal-2021.**

Il-belt ta' Ħelsinki organizzat, minn Frar 2020 sa Marzu 2021, konkors internazzjonali tad-disinn biex issib soluzzjonijiet sabiex sal-2035 telimina gradwalment is-sistema tat-tisħin distrettwali tagħha li taħdem bil-faħam u l-gass. Jan Vapaavuori, is-Sindku ta' Ħelsinki ta' dak iż-żmien, jaqsam il-lezzjonijiet meħuda minn din l-"Isfida Enerġetika ta' Ħelsinki".

***X'kienu raġunijiet ewlenin għat-tnedija tal-Isfida Enerġetika ta' Ħelsinki?***

Jan Vapaavuori***:*** *"Kien hemm żewġ viżjonijiet fil-bidu ta' dan il-proġett. L-ewwel, konna qed niffaċċjaw sfida diffiċli, li ma konniex nafu kif se nsolvuha. It-tieni, ridna li bliet oħra jibbenefikaw mill-azzjonijiet tagħna.*

*Ħelsinki hija impenjata li ssir newtrali għall-klima sal-2035. Attwalment, aktar minn 50% tal-emissjonijiet tal-belt ġejjin mis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ. Barra dan, mill-2029, il-ħruq tal-faħam għall-produzzjoni tal-enerġija se jkun ipprojbit fil-Finlandja. Fil-preżent, għandna żewġ impjanti ta' Sħana u Enerġija Kkombinata (CHP) imħaddma bil-faħam li jissupplixxu s-sistema tat-tisħin u tkessiħ distrettwali (DHC) mal-belt kollha. Aħna se nagħlqu waħda fl-2023, iżda ma kellniex alternattivi rinnovabbli għall-oħra. Stajna niċċediedu li nużaw il-bijomassa minflok il-faħam, li hija s-soluzzjoni komuni. Iżda ma nemminx lanqas li l-ħruq tal-bijomassa fuq skala massiva huwa soluzzjoni sostenibbli. Għalhekk, meta eskludejna l-bijomassa, ma kellniex risposta ċara dwar kif nistgħu nidekarbonizzaw il-grilja ta' DHC tagħna.*

*Barra dan, ridna nkunu belt minn ta' quddiem, ridna nagħmlu xi ħaġa kreattiva li tkun ta' benefiċċju għal bliet oħra, għalhekk stedinna lill-bqija tad-dinja biex tgħina nsolvu l-problema. Kien ċar mill-bidu li xi soluzzjonijiet proposti mill-kompetituri setgħu jkunu rilevanti għal bliet oħra. Il-filosofija tal-belt ta' Ħelsinki mhix biss li nagħmlu l-belt stess*

*newtrali għall-klima, iżda wkoll li nikkontribwixxu għall-isforzi tal-bqija tad-dinja biex jagħmlu l-istess.*

*Aħna konna ispirati mill-belt ta' New York li ilha tmexxi dan it-tip ta' kompetizzjonijiet, li jgħidulhom Sfidi MoonShot.*

***X'kienu l-ikbar tgħallimiet għalik?***

*Li tgħallimt huwa li mhux biżżejjed bħala belt li tippossjedi 100% il-kumpanija tal-enerġija tiegħek stess, iżda li jrid ikollok kooperazzjoni fil-fond ma' din il-kumpanija, li trid tilgħab rwol ikbar bħala belt biex issolvi l-ikbar sfida tal-umanità fid-dinja tal-lum. Ma tistax tiddelega l-problema tad-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tat-tisħin tiegħek lil kumpanija, anke jekk għandek sjieda ta' 100%. Id-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin u tkessiħ mhix sempliċiment problema teknika.*

*Tgħallima oħra hija li trid toħloq sistema li hija flessibbli kemm jista' jkun. Tgħallimna li t-teknoloġija tavvanza kull ġurnata. Irridu nippruvaw noħolqu sistema fejn ma nkunux ristretti għal teknoloġiji li se jkunu diġà skadew wara sentejn. Irridu noħolqu ekosistema li hija flessibbli u adattabbli għal teknoloġiji ġodda fil-futur.*

**Ideat għal sfida enerġetika li tirnexxi**

Laura Uuttu-Deschryvere, Direttur tal-Proġett tal-Isfida Enerġetika ta' Ħelsinki u Kaisa-Reeta Koskinen, Direttur tal-Proġett Ħelsinki Newtrali għall-Klima, jaqsmu l-feedback tagħhom dwar l-organizzazzjoni tal-Isfida. Ideat utli għalik biex tirreplika konkors bħal dan fil-belt tiegħek!

L-Isfida Enerġetika ta' Ħelsinki kienet organizzata f'żewġ fażijiet: fażi ta' applikazzjoni miftuħa li fiha l-belt irċeviet 232 applikazzjoni minn 35 pajjiż, u mbagħad fażi ta' kokreazzjoni b'għaxar tims finali. Fl-ewwel fażi, l-applikanti kellhom jikkonvinċu l-ġurija f'nota spjegattiva qasira li s-soluzzjonijiet tagħhom kellhom il-potenzjal li jsolvu l-kwistjoni u li t-tim tagħhom kellu l-kapaċità li jwettaq it-tieni fażi. Fil-fażi ta' kokreazzjoni, il-belt ipprovdiet informazzjoni addizzjonali dwar is-sistemi ta' DHC tagħhom, sabiex il-finalisti setgħu jipproponu pjan direzzjonali dettaljat biex jinkiseb l-għan ta' dekarbonizzazzjoni tal-belt. Hemm erba' fatturi li jistgħu jgħinu biex il-konkors jirnexxi.

1. Żomm l-isfida miftuħa

Il-belt ta' Ħelsinki ma kinitx qed tfittex għal soluzzjonijiet teknoloġiċi speċifiċi, iżda għal pjanijiet direzzjonali komprensivi, li jintegraw innovazzjonijiet u approċċ sistemiku biex

isolvu l-isfida tagħhom. Għalhekk, dawn ma ddefinixxewx kwalunkwe restrizzjoni għas-soluzzjonijiet li jridu jiġu proposti. Minħabba d-diversità enormi tal-proposti li waslu (minn irkanti ta' tisħin nadif għal soluzzjonijiet spazjali biex wieħed jaħsad l-enerġija tar-riħ solari), kienet sfida biex wieħed jevalwahom. L-użu ta' kategoriji differenti seta' ssimplifika l-għażla tal-finalisti, iżda kien jorjenta wkoll il-proposti mill-applikanti.

2. Organizzaw ruħkom u kunu lesti għal esperjenza ta' tagħlim miż-żewġ direzzjonijiet

Minħabba d-diversità u n-numru sinifikanti ta' applikazzjonijiet li waslu, dan kien jeħtieġ ammont kbir ta' xogħol biex wieħed jevalwahom, u l-mobilizzazzjoni ta' esperti minn sfondi differenti. Għalhekk, id-disponibbiltà ta' persuni ewlenin mill-belt u l-partijiet interessati lokali tagħha kienet kritika biex l-isfida tirnexxi. Matul it-tieni fażi, it-tims tal-finalisti setgħu jiltaqgħu mal-mexxejja politiċi, l-esperti mill-belt u l-atturi mill-kumpanija tal-enerġija ta' Ħelsinki. Dan ippermettilhom jifhmu aħjar il-bżonnijiet u l-ostakli li qed tiffaċċja l-belt, filwaqt li r-rappreżentanti tal-belt setgħu jiġu sfidati mill-innovaturi, li wassal għal emulazzjoni ikbar bejn il-parteċipanti.

3. Kunu ċari dwar dak li tixtiequ

Ħelsinki ddefiniet seba' kriterji biex tevalwa l-pjanijiet direzzjonali proposti mill-finalisti: l-impatt klimatiku, l-impatt fuq ir-riżorsi naturali, l-ispejjeż, l-iskeda ta' implimentazzjoni, il-fattibbiltà, l-affidabbiltà u s-sigurtà tal-provvista, u l-kapaċità termali. Dan ħeġġeġ lill-innovaturi biex jikkunsidraw l-aspetti differenti tal-isfida tal-belt. Ħelsinki ppreparat ukoll sett ta' *data* għall-finalisti, kif ukoll suppożizzjonijiet bħala gwida, rigward, pereżempju, id-domanda enerġetika futura tal-bini. It-tims kollha b'hekk ingħataw l-istess qafas. Is-suppożizzjonijiet kienu meħtieġa wkoll minħabba l-kunfidenzjalità ta' ċertu *data*, jew il-fatt li l-belt ma kellhiex ir-risposti għall-mistoqsijiet kollha tal-finalisti.

4. Stiednu tims internazzjonali u interdixxiplinari

Ħelsinki stiednet persuni mid-dinja kollha biex jipparteċipaw f'din l-isfida: applikaw tims minn iktar minn 35 pajjiż. Persuni esterni mis-sitwazzjonijiet lokali u nazzjonali setgħu jipproponu ideat barra mill-kaxxa: dan għen iġib għarfien ġdid u li jiġu evitati l-effetti ta' fissazzjoni (li tinqabad f'kategorija waħda ta' soluzzjonijiet). Il-belt għażlet ukoll ġurija internazzjonali tal-ogħla esperti biex jevalwaw l-għaxar proposti tal-finalisti u jagħżlu r-rebbieħa.

Ara r-reġistrazzjoni tal-webinar biex issir taf iktar dwar dak li l-belt tgħallmet minn din l-esperjenza unika.